MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Numru 525/2011

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

vs

Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwy

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 17291A, akkuzat talli:

1. nhar is-17 ta’ April 2011, ghall-habta tat-8:00a.m., f’Rahal Gdid, ikkommetta serq ta’ gojjelli tad-deheb minn residenza numru 33 fi Triq il-Palma Rahal Gdid, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-2,329 Ewro u li sar ghad-detriment ta’ Lorenza Cilia u Tereza Cilia.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien jaghmel delitt ta’ serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari.
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’Rahal Gdid u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, arma tan-nar, u cioe’ pistola tat-tip Phoenix Raven b’numru serjali 3087389 elenkata fl-Iskeda II ta’ l-Att Dwar l-Armi, Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, minghajr ma kellu licenzja taht l-imsemmi Att Dwar l-Armi.
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fir-residenza hawn fuq imsemmija, liema hsara tiskorri l-116.47 Ewro izda anqas minn 1,164 Ewro.
6. rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema’ u tigi deciza sommarjament.

Semghet ix-xhieda.

Tiddeciedi, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat, li tiddikjarah u ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 261(a)(b)(c)(e), 262, 263, 267, 269, 276, 276A, 277(b), 279(b), 280(2), 325(1)(b), 17, 49, 50 u 289 tal-Kap 9, l-Artikolu 5(1), 51(2), 55(a) u 56 tal-Kap 480.

Tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------